**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 10 ta' Lulju 2023**

**Rikors Numru 122/2021**

**Michael Ellul**

**Vs**

**Chairman – Transfer of Residence Exemption Board**

**u**

**Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Michael Ellul ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. *Illi huwa sid ta' vettura reġistrata barra minn Malta bin-numru SSC99 tal-marka Harley Davidson;*

2. *Illi huwa importa l-vettura tiegħu hawn Malta fejn issa stabilixxa r-residenza tiegħu;*

3. *Illi huwa talab eżenzjoni taħt l-artikolu 19 tal-Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Kap 368) (Transfer of residence) u taħt ir-regolament 4 tal-Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S. L. 368.01);*

4. *Illi permezz ta' ittra datata ħdax ta' Novembru elfejn wieħed u għoxrin (annessa u mmarkata bħala Dok ME1), din l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda;*

5. *Illi l-appellant ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni sante li l-appellati naqsu milli jagħtu "Ratio Decidendi" u dan minħabba s-segwenti:*

6. *Illi hawnekk trid tiġi osservata lanjanza kbira da parti tal-esponenti billi l-istess appellati naqsu milli jimmotivaw d-deċiżjoni tagħhom peress li l-ittra ma' tispjegax għaliex waslu għal din id-deċiżjoni u agħar minn hekk, naqset milli tgħid x'wasslet li jieħdu pożizzjoni tant netta u ċara u fuq liema raġunijiet ġiet ibbażata din id-deċiżjoni tagħhom;*

7. *Illi kull ħaġa li ġiet deċiża mingħajr raġuni, irrespettivament jekk hiex ħaġa tajba jew ħażina, għandu bl-istess mod tiġi mneħħija mingħajr raġuni "quod gratis asseritur, gratis negatur" u dana minħabba l-fatt li ma' jistax jkollok sitwazzjoni fejn awtorita' li tieħu deċiżjonijiet, tagħmel dan mingħajr ma' tispjega għalfejn ħadet deċiżjoni u mhux oħra;*

8. *Illi għar-raġunijiet hawn premessi, d-deċiżjoni mhux informattiva biżżejjed għall-għanijiet tal-persuna u l-allegazzjonjiet m'humiex konstatati u konstatabbli;*

9. *Illi għalhekk hu jemmen illi d-deċiżjoni ta' l-appellati ma hijiex waħda korretta u timmerita li tiġi mistħarrġa u riveduta minn dan it-Tribunal;*

10. *Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-appellant qiegħed jinterponi dan l-umli appell u jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jogħġbu jħassar u jirrevoka in toto d-deċiżjoni tal-appellati tal-11 ta' Novembru 2021 u tordna lill-appellati jew min minnhom sabiex japprovaw it-talba tar-rikorrent għall-eżenzjoni mitluba suriferita.*

Ra illi l-intimati ppreżentaw ir-risposta tagħhom fis-6 ta' Diċembru 2021 li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:-

**1.** *Illi preliminarjament, iċ-Chairman tal-Bord dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa ta' Reġistrazzjoni mhuwiex il-leġittimu kuntradittur u għandu jiġi liberat mill-ħarsien tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-appellant Ellul;*

**2.** *Illi fil-mertu, l-aggravji tal-appellant huma manifestament infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan kemm għar-raġunijiet li ser jiġu mogħtija f'din l-umli risposta kif ukoll minn dak li ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-appell;*

**3.** *Illi minn kif jirriżulta minn '***Dokument ME1'** *li ġie ppreżentat flimkien mar-rikors tal-appell u li huwa kopja tad-deċiżjoni tal-Bord dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa ta' Reġistrazzjoni (minn hawn il-quddiem imsejjaħ bħala l-'Bord'), ir-raġuni ewlenija għalfejn il-Bordċaħad l-applikazzjoni in mertu kien propju għaliex l-appellant naqas milli jissodisfa r-rekwiżit kif impost taħt* **Regolament 4(3)(d) tar-Regolamenti Dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 368.01)***;*

**4.** *Illi* **Regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01** *huwa ċar u jistipula li applikazzjoni bħal dik in mertu għandha, f'kull każ, issir sa <u>mhux aktar tard minn tnax-il xahar</u> wara d-data li fiha applikant jittrasferixxi r-residenza tiegħu lejn Malta. Fil-każ tallum, u minn kif jirriżulta mill-kopja tal-applikazzjoni in mertu u li kopja tagħha qed tiġi ppreżentata ma' din ir-risposta u mmarkata bħala '***Dokument MFE1',** *l-appellant iddikjara li trasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta fil-***<u>14 ta' Awwissu 2020</u>***, filwaqt li applika għall-eżenzjoni fil-***<u>20 ta' Ottubru 2021</u>***. Ġialadarba fil-ġurnata li ġiet preżentata l-applikazzjoni in mertu kienu diġa'*

*laħqu għaddew aktar minn tnax il-xahar mid-data li fiha l-appellant trasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta, allura l-applikant ma seta' qatt jissodisfa l-kriterju ta'* ***Regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01****;*

5. *Illi mingħajr ma għandu għalfejn jingħad, dan it-Tribunal għamilha ċara kemm-il darba li l-kriterji stabbiliti taħt* ***Regolament 4(3) tal-L.S. 368.01****, huma* *<u>kumulattivi</u> u <u>tassattivi</u>, bil-konsegwenza li l-Bord ma jistax japprova applikazzjoni għall-eżenzjoni f'każ li wieħed mir-rekwiżiti ma jiġix sodisfatt. Tant hu hekk li* ***Regolament 4(4)*** *tal-istess* ***L.S. 368.01*** *jagħmilha ċara li: "L-eżenzjoni taħt is-subregola (1)* ***<u>m'għandhiex tingħata</u>*** *meta -(a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti taħt is-subregola (3)". Imkien fil-liġi ma hemm xi eċċezzjoni għad-dispost ta'* ***Regolament 4 tal-L.S. 368.01*** *u konsegwentement, ġialadarba xi wieħed mir-rekwiżiti taħt dan ir-Regolament ma jkunux sodisfatti, il-Bord ikun marbut li jirrifjuta l-applikazzjoni u fin-nuqqas ikun qed jaġixxi ultra vires u bi ksur tal-liġi;*

6. *Illi fl-aħħar nett mhuwa xejn minnu li d-deċiżjoni tal-Bord kif ikkomunikata lill-appellant ma tispjegax biżżejjed għalfejn l-applikazzjoni in mertu ġiet miċħuda. Id-deċiżjoni tal-Bord, li kopja tagħha ġiet ippreżentata mill-appellant stess (Dok ME1) tgħid ċar li r-raġuni għalfejn l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata kien propju għaliex ir-rekwiżit taħt* ***Regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01*** *ma ġiex sodisfatt. Terġa' u tgħid li għall-fini ta' ħeffa ta' referenza l-Bord mar oltre billi kkwota wkoll x'jiddisponi* ***Regolament 4(3)(d)****, liema Regolament huwa manifestament ċar u ma jeħtieġ l-ebda spjegazzjoni. B'żieda ma dan, u minn kif ser ikun qed jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, ir-rikorrent kien diġà jaf ben tajjeb li ma kienx konformi mat-terminu ta' tnax il-xahar u ċioè r-rekwiżit kif stipulat* ***f'Regolament 4(3)(d) tal-L.S. 368.01*** *u dan sewwasew sa minn qabel ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu. Jiġi b'hekk li kull ilment f'dan ir-rigward huwa manifestament frivolu u vessatorju;*

7. *Illi għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord kif komunikata lill-appellant fil-11 ta' Novembru 2021 hija waħda tajba u m'għandiex tiġi mittiefsa;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponent jgħaddi biex jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad l-appell tal-appellant bl-ispejjeż kontra l-istess appellant.*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2023.

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent qiegħed jitlob li dan it-Tribunal jirrevedi d-deċiżjoni notifikata lilu b'ittra mibgħuta mit-*Transf*er of *Residence Exemption Board* (aktar `l isfel "il-Bord") fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol datata 11 ta' Novembru 2021 permezz ta' liema ġie mgħarraf bis-segwenti:-

*Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Subsidiary Legislation 368.01 under rule 4 (3) (d) which stipulates that "the vehicle is declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later than twelve months following that date*

**<u>Ir-rikorrent</u>** xehed illi minkejja li l-Aġenzija Identity Malta ħarġitlu *residence card* fl-14 ta' Awwissu 2020, huwa beda jirrisjedi hawn Malta fl-20 ta' Ottubru 2020. Spjega li peress li sar jaf li kellu l-opportunita` li jġib vettura hawn Malta mingħajr ma jħallas taxxa ta' reġistrazzjoni, iddeċieda li jġib il-mutur tal-marka Harley Davidson FLTRSE3. Għalhekk inkariga Kumpanija ġewwa l-Istati Uniti biex tagħmel *service review* tal-istess mutur liema Kumpanija ħarġet ir-rapport tagħha fil-15 ta' Ottubru 2020 u f'Jannar 2021 ikkuntattja Kumpanija tat-trasport biex il-mutur jitwassal hawn Malta. Madanakollu sa Awwissu 2021 il-Kumpanija ma kellhiex spazju biex tibgħat dan il-mutur sakemm ma jikrix *container* sħiħ għal-valur ta' erbat elef ewro (€4000) u ħlas ieħor ta' ħames mitt ewro (€500) bħala ħlasijiet tat-trasport. Stante li beda għaddej iż-żmien, inkariga Kumpanija oħra u wara xi ġimgħa ġie nfurmat bi trasportatur lokali u għamel l-arranġamenti neċessarji biex isir it-trasport tal-mutur. Meta l-mutur wasal Sqallija, baqa' miżmum hemm għal ħames ġimgħat peress li ma kienx hemm spazju fil-portijiet, sakemm fit-8 ta' Ottubru 2021, il-mutur wasal hawn Malta. Madanakollu, l-mutur baqa' miżmum id-Dwana ta' Malta għal ħames ġimgħat oħra. Għalhekk il-fatt li laħaq għadda ż-żmien sakemm il-mutur wasal hawn Malta ma kienx tort tiegħu iżda tort taċ-ċirkostanzi mhux previsti, inkluż problemi relatati mal-pandemija tal-Covid 19, spejjeż tal-esportazzjoni u limitazzjonijiet tal-ispazju f'*containers* diretti lejn Malta.

In kontro-eżami r-rikorrent stqarr illi sar jaf illi seta' jimporta vettura mingħajr ma jħallas taxxa fuqha tramite ditta ta' trasport. Mistoqsi dwar it-trapass ta' żmien li ħalla jgħaddi bejn Awwissu/Ottubru 2020 sa Jannar

2021 meta mbagħad effettivament beda jaħseb biex iġib il-mutur hawn Malta, ir-rikorrent wieġeb li dak iż-żmien kien f'relazzjoni u ma kellux ħsieb li jibqa' hawn Malta.

**Kevin Attard**, Direttur Maniġerjali tad-ditta Customs and Freight Agency Limited, xehed illi huwa kien inkarigat sabiex jittrasporta l-mutur in kwistjoni mill-Istati Uniti tal-Amerika għal Malta. Spjega li l-vapur tal-merkanzija li fuqu tgħabba l-mutur waqaf Sqallija u l-mutur ġie mgħobbi fuq vapur ieħor għal Malta. Spjega li l-mutur telaq mill-Istati Uniti fil-15 ta' Lulju 2021 u kien mistenni li jasal Malta għoxrin ġurnata wara. Fil-fatt il-mutur wasal Malta fl-10 ta' Awwissu 2021 fejn inżamm għall-kontrolli tad-Dwana sakemm ġie rilaxxat fil-11 ta' Novembru 2021.

**Jonathan Theuma**, rappreżentant tad-Dipartiment tad-Dwana, esebixxa sensiela ta' dokumenti li ġew ippreżentanti lid-Dipartment fir-rigward tal-mutur in kwistjoni u kkonferma li l-mutur wasal hawn Malta fl-10 ta' Awwissu 2021.

**Raymond Bonnici**, rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija, xehed illi saret spezzjoni tal-mutur in kwistjoni fl-10 ta' Novembru 2021 u ġie rilaxxat lir-rikorrent fil-11 ta' Novembru 2021.

**Joseph Rivans**, rappreżentant tal-Aġenzija Identity Malta, xehed illi r-rikorrent applika għal Karta tal-Identita` Maltija fl-14 ta' Awwissu 2020.

**Michael Zammit Munro,** Cermen tal-Bord, spjega illi r-rikorrent applika għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni fl-20 ta' Ottubru 2021 u għalhekk kien applika iktar tard minn tnax-il xahar minn meta ħa r-residenza tiegħu hawn Malta. Spjega li wara li r-rikorrent ġie mgħarraf bl-ittra tar-rifjut, l-istess rikorrent bagħat emejl[1], li però` ġiet imwieġba minnu fit-12 ta' Novembru 2021 fejn ir-rikorrent ġie mgħarraf illi l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda preċiżament għaliex huwa applika għall-eżenzjoni iktar minn tnax-il xahar wara li stabbilixxa r-residenza tiegħu hawn Malta.[2] Ix-xhud spjega li l-Bord m'għandu ebda diskrezzjoni li jagħmel eċċezzjonijiet.

In kontro-eżami Zammit Munro xehed illi l-Bord straħ fuq id-data indikata mir-rikorrent bħala d-data li fiha beda jirrisjedi hawn Malta.

[1] Li l-kontenut tagħha mhux magħruf għax ma ġietx ippreżentata
[2] Dokument MZ1

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni l-intimati sostnew illi ċ-Chairman intimat mhuwiex il-leġittimu kontrdadittur. Illi l-intimati għandhom raġun. Għalkemm id-deċiżjoni appellata tiġi meħuda mill-Bord u ffirmata miċ-Chairman intimat, dan ikun qed isir f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol li ai termini tal-Artikolu 19 (2) (a) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta għandu s-setgħa li jeżenta vettura mit-taxxa ta' reġistrazzjoni. Illi għalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati hija fondata.

Illi sorvolata din il-kwisjtoni, it-Tribunal se jinvesti l-mertu tal-kwistjoni.

Illi ai termini tar-Regolament 4 (3) (d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Eżenzjoni Mit-Taxxa Tar-Reġistrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur):-

***"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għall-eżenzjoni taħt is-subregola (1):***

***(d) l-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data;***

Illi mill-provi prodotti jirriżultaw is-segwenti fatti, u ċioe`:-

1. Illi r-Rikorrent ħa r-residenza tiegħu hawn Malta fl-14 ta' Awwissu 2020;[3]
2. Illi l-vettura in kwistjoni waslet hawn Malta fl-10 ta' Awwissu 2021;[4]
3. Illi l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni ġiet sottomessa fl-20 ta' Ottubru 2021.[5]

Illi r-rikorrent jissottometti illi huwa applika fl-20 ta' Ottubru 2021 minħabba li diversi ċirkostanzi impedew lill-mutur in kwistjoni li jasal hawn Malta fil-ħin, fosthom il-pandemija tal-Covid 19 u l-aġir ta' terzi, prinċipalment ditti ta' trasport. Illi, però, dan it-Tribunal, wara li ra l-*iter* taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ mhux konvint illi dan huwa l-każ.

[3] Kif jirriżulta minn Dokument MF1 a fol. 16
[4] Dokument KA 1 a fol. 71
[5] Dokument MFE1 a fol. 14

Filwaqt li huwa minnu li t-trasport internazzjonali ġie affettwat bil-pandemija tal-Covid 19, jirriżulta illi filwaqt li r-rikorrent ħa r-residenza tiegħu hawn Malta f'Awwissu 2020 huwa ma għamilx ħsieb mill-ewwel li jimporta l-mutur hawn Malta. Kien biss wara xi xhur, u wara li ditta tat-trasport infurmatu li seta' jġib il-mutur mingħajr ma jħallas taxxa ta' reġistrazzjoni fuqu, li għamel dan il-ħsieb. Għaldaqstant jirriżulta li f'Ottubru 2020 għamillu s*ervice review* ġewwa l-Istati Uniti u beda jaħseb biex jinkariga lid-ditta WKD Works għat-trasport tiegħu. Pero` f'Jannar 2021 sab li l-prezz ta' trasport tad-ditta A & G Shipping International Ltd kien irħas u għalhekk inkariga lill-istess ditta.[6] Madanakollu x-xhur bdew jgħaddu u din id-ditta baqgħat ma bagħtitx il-mutur lejn Malta minħabba li ma kellhomx spazju għall-mutur fil-*containers* tagħhom. Għalhekk reġa' kkuntattja lid-ditta WKD Works li da parti tagħhom irreferewh għad-ditta Maltija Customs and Freight Agency Limited, liema ditta ġabet il-mutur hawn Malta, liema mutur telaq mill-Istati Uniti fil-15 ta' Lulju 2021[7] u wasal Malta fl-10 ta' Awwissu 2021.

Illi t-Tribunal josserva illi dan ifisser illi meta l-mutur wasal hawn Malta, ir-rikorrent seta jissottometti l-applikazzjoni tiegħu entro t-terminu siccome d-data li fiha ħa r-residenza tiegħu kienet l-14 ta' Awwissu 2020. Illi di piu`, it-Tribunal ma jaqbilx illi t-tort tad-dewmien li l-mutur wasal hawn Malta ma kienx fil-kontroll tar-rikorrent. It-Tribunal josserva illi l-mutur għamel numru ta' xhur għand id-ditta A & G Shipping International Limited għaliex kien hemm problemi loġistiċi. Illi r-rikorrent kien ben konsapevoli ta' dawn il-fatti, kif kien ukoll ben konsapevoli li kienu għaddejjin it-tnax-il xahar entro liema ried jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni.

Illi għaldaqstant it-Tribunal ma jqisx illi setgħu jittieħdu xi ċirkostanzi straordinarji in konsiderazzjoni mill-Bord li wasslu għall-fatt li r-rikorrent applika għall-eżenzjoni oltre t-terminu previst mil-liġi. Ir-rikorrent għażel li ma jaġixxix meta bdew għaddejjin diversi xhur u l-mutur baqa' ma ġiex esportat mill-Istati Uniti tal-Amerika mid-ditta A & G Shipping International Limited. Fil-waqt li kif diġà ingħad, it-Tribunal jifhem li s-sitwazzjoni mondjali kienet għaddejja minn perjodu diffiċli, ma jsibx illi ġie ppruvat illi l-mutur ma wasalx Malta fiż-żmien proprju minħabba s-sitwazzjoni mondjali tal-pandemija. Dan qiegħed jingħad għaliex kif ġie ppruvat, meta r-rikorrent biddel id-ditta tat-trasport, il-mutur wasal hawn Malta fi ftit ġimgħat. Illi di piu`, t-Tribunal josserva illi r-rikorrent seta' japplika fi żmien tnax-il xahar mid-data li hi indikata bħala d-data tat-

[6] Dokument MEA3 a fol. 54
[7] Ara xhieda ta' Kevin Attard a fol. 68

trasferiment tar-residenza tiegħu hawn Malta, anke jekk il-mutur kien għadu ma wasalx hawn Malta.

Illi meta t-Tribunal qies dan kollu fl-inkwadratura tal-aggravji tar-rikorrenti, huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni tal-Bord intimat kienet motivata, anke jekk mhux f'daqstant kliem, u r-rikorrent seta' jifhem eżattament x'kienet ir-raġuni għala l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata.

Illi pero` t-Tribunal iqis li għandu jitratta kwistjoni pertinenti għall-applikazzjoni tar-rikorrenti, u ċioe` l-kwistjoni meta r-rikorrent ħa r-residenza tiegħu hawn Malta.

Illi skont it-tifsira mogħtija mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01, *"trasferiment ta' residenza" tfisser it-trasferiment attwali tar-residenza ordinarja ta' persuna minn post barra minn Malta għal post f'Malta u d-data tat-trasferiment hija* ***d-data meta jinħareġ id-Dokument ta' Residenza jew, fil-każ ta' applikanti Maltin, id-data li tiġi dikjarata mal-Kummissarju għat-Taxxi."*** It-Tribunal josserva illi din it-tifsira hija ċitata wkoll fil-linji gwida fuq l-ewwel paġna tal-applikazzjoni għall-eżenzjoni.

Illi mill-emejls ippreżentati in atti jirriżulta illi fl-4 ta' Novembru 2021, iċ-Chairman tal-Bord kien talab lir-rikorrent sabiex jibgħat emejl lill-Kummissarju tat-Taxxi fejn kellu jinformah dwar id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu, liema emejl kellha tiġi kkuppjata liċ-Chairman tal-Bord.[8] Għal din l-emejl ir-rikorrent wieġeb b'mod xejn dekorus fil-5 ta' Novembru 2021.[9] Fil-5 ta' Novembru 2021, iċ-Chairman tal-Bord, permezz ta' emejl spjega lir-rikorrent ir-raġuni għala kien qed jitolbu li jibgħat emejl lill-Kummissarju tat-Taxxi.[10] L-istess talba reġa' għamilha permezz ta' emejl fid-9 ta' Novembru 2021.[11] Madanakollu, mingħajr ma apparentement kienet ġiet mibgħuta l-emejl rikjesta lill-Kummissarju tat-Taxxi, il-Bord ipproċeda biex ta d-deċiżjoni tiegħu fil-11 ta' Novembru 2021.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord ma setax jipproċedi biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu meta kien qed jistenna li r-rikorrent jibgħat l-emejl rikjesta għaliex mingħajr dik l-emejl il-Bord ma kellux prova inekwivoka tad-data tat-trasferiement ta' residenza. Illi t-Tribunal josserva illi d-definizzjoni ta' "trasferiment ta' residenza" ġiet emendata permezz tal-Avviż Legali 254 tal-2019 proprju għaliex preċedentement għal dawn l-emendi kienu qed

---

[8] A fol 176
[9] Ibid.
[10] A fol. 175
[11] A fol. 178

jinħolqu ħafna inċertezzi dwar liema data kellha tittieħed in konsiderazzjoni. Għaldaqstant, la darba issa l-Leġislatur iddefinixxa b'mod ċar id-data tat-trasferiment ta' residenza, il-Bord ma jista' joqgħod fuq l-ebda data oħra ħlief dik imsemmija fil-liġi, jikteb x'jikteb l-applikant fuq l-applikazzjoni tiegħu.

Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord għandu jerġa' jipproċessa l-applikazzjoni tar-rikorrenti wara li tiġi verifikata eżattament id-data meta r-rikorrent ddikjara mal-Kummissarju għat-Taxxa li ttrasferixxa r-residenza tiegħu għal Malta. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-Bord għandu jagħti perjodu perentorju entro liema r-rikorrent għandu jagħmel dan għaliex applikazzjoni ma tistax tibqa' pendenti quddiem il-Bord minħabba xi nuqqas tal-applikant.

Finalment, it-Tribunal jirrileva illi huwa m'għandux poter li jilqa' dik il-parti tat-talba tar-rikorrenti sabiex jordna lill-intimat japprova t-talba tar-rikorrent għall-eżenzjoni tat-taxxa. Din id-deċiżjoni hija riservata esklussivament għall-awtorita` amministrattiva li hija fdata bid-diskrezzjoni li tipproċessa l-applikazzjonijiet għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi, billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u għalhekk jillibera liċ-Chairman – Transfer of Residence Exemption Bord mill-osservanza tal-ġudizzju, jilqa' l-appell tar-rikorrenti in kwantu d-deċiżjoni hija waħda mhux korretta u skont il-liġi u għaldaqstant jiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-intimati.

Bl-ispejjeż kontra l-Ministru intimat ħlief għall-ispejjeż relatati mal-ewwel eċċezzjoni li għandhom ikunu a karigu tar-rikorrent.

---

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

---

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**